**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 16 ta' April 2020**

**Kumpilazzjoni numru 148/20 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**AB**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **AB** li ġie akkużat talli fis-16 ta' April 2020 għall-ħabta ta' 02:10hrs u/jew ħinijiet qabel ġewwa l-ħanut Joy Grocery, fi Triq Telgħa tal-Ġiżwiti, Marsa, u/jew f'dawn il-Gżejjer:-

1. Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè kisser shutter u ħġieġa għad-dannu ta' Lucky Pollo (ID: 68922A) u/jew persuni oħra, liema ħsara hi iżjed minn €250 u mhux aktar minn €2500;
2. U aktar talli kkommetta serq ta' mowbajl tal-għamla Dodge u muniti tal-ewro li jammontaw għal 1.30 ewro, għad-dannu ta' Lucky Pollo (ID: 68922A) u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-ħin.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Lucky Pollo u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk dawn l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu li tinkludi reati simili għal dak tal-lum, il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu, il-fatt li huwa minorenni, però wkoll il-fatt li huwa riċediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289. Għalhekk il-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-inżul u t-tlugħ tal-piena, se tkun qiegħda tinfliġġi piena lejn il-minimu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17 (h), 37 (2), 49, 50, 325 (1) (b), 261 (b), (c), (f), 263 (a), 264, 267, 2709, 278 (3), 279 (a), 280 (1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat **AB** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda wkoll tordna l-konfiska tal-martell ahmar uzat ghat-twettiq ta' dawn ir-reati u li gie esebit illum bhala Dokument SA7.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur